# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 7/2021ISB**

**(i) Catherine Muscat (K.I. 304374M), Claire Bugeja (K.I. 496575M), Mark Formosa (K.I. 412880M), Josephine Salamone nèe Formosa (K.I. 249982M), kif ukoll**

**(ii) Carmelo Muscat (K.I. 228740M), Grace Muscat (K.I. 645840M) u George Muscat (K.I. 380263M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Catherine Fenech et**, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

*i. Tordna li l-isem tal-kumpaniji Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369) jerġgħu jitqiegħedu fur ir-Resiġtru tal-Kumpaniji;*

*ii. Tordna li jerġa jinfetaħ l-istralċ tal-kumpaniji Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369);*

*iii. Taħtar lill-Awditur Robert E. Salomone jew awditur ieħor nominandi sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċarju tal-kumpaniji Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369);*

iv. *Tordna lill-istralċarju hekk maħtur sabiex, sa żmien perentorju li jiġi determinat minn din l-Onorabbli Qorti, jagħlaq l-istralċ tal-kumpaniji Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369) wara li jkun ħa l-passi w il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi kkanċellat il-privileġġ speċjali li għalih saret referenza f'dan ir-rikors;*

v. *Tagħti kwalunwke rimedju u/jew tieħu kwalsiasi provvidementi oħra li jidhrilha huma xierqa u oppurtuni;*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi r-rikorrenti Catherine Muscat, Clare Bugeja, Mark Formosa u Josephine Salomone nee Formosa huma lkoll azzjonisti fil-kumpaniji Papa M Limited (C-37064) filwaqt illi l-bqija tar-rikkorenti, u ċioe' Carmelo Muscat, Grace Muscat u George Muscat huma azzjonisti fis-soċjeta' C & G Muscat Limited (C-9369) (vide estratt meħud mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok.A****).*

2. *Illi l-kumpaniji msemmija gew reġistrati fis-6 t'Ottubru, 2005 u t-28 ta' Jannar, 1988 rispettivament (vide kopji tal-aħħar verżjonijiet tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpaniji hawn annessi u mmarkati* ***Dok.B*** *u* ***Dok.B1****).*

3. *Illi madankollu s-soċjeta' Papa M Limited ġiet xolta u struck off nhar il-15 ta' Marzu, 2016 filwaqt li l-kumpanija C & G Muscat Limited ġiet xolta u struck off nhar id-29 ta' Marzu tal-istess sena, entrambi wara voluntary liquidation li saret bl-opra tal-likwidatur maħtur mill-azzjonisti rispettivi.*

4. *Illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi tas-soċjetàjiet Papa M Limited u C & G Muscat Limited (vide l-iskemi ta' distribuzzjoni hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok.C*** *u* ***Dok.D****), irriżulta li l-istralċarju naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt illi kreditu fl-ammont kumplessiv ta' sebat elef tmien mija u wieħed u sebgħin Ewro punt ħamsin ċenteżmu (€7,871.50) kien tħallas iżda ma kienx ġie kkanċellat privileġġ speċjali korrispondenti li kien ġie reġistrat favur l-imsemmija Papa M Limited u C & G Muscat Limited fuq garaxx mibjugħ lill-ċertu Eve Farrugia (ID. 502475M) in segwitu ta' kuntratt ta' komprovendita' magħmul in atti tan-natur Dr. Robert J. Muscat fl-14 ta' Lulju tas-sena 2009 (vide kopja tan-nota t'iskrizzjoni tal-privileġġ surriferit hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok.E****, kif ukoll kopja tal-kuntratt tal14 ta' Lulju, 2009 hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok.F****).*

5. *Illi għalhekk, jirriżulta prima facie li l-istralċjarju naqas milli jieħu kont ta' ċirkostanzi kruċjali fil-kors tal-likwidazzjoni tal-kumpaniji minħabba traskuraġni, imprudenza jew nuqqas ta' attenzjoni u dan indubbjament jikkwalifika bħala aġir illegali.*

6. *Illi inoltre jiġi rilevat illi la darba l-privileġġ surriferit għadu qed jiggrava l-garaxx in mertu u d-dejn relattiv ġie saldat mill-kumpratriċi, din tal-aħħar ser issofri preġudizzju ċar stante li għad tisfa f'pożizzjoni fejn ma tistax tiddisponi mill-proprejtà immobiljari de quo sakhemm tali privileġġ ma jiġix*

*eliminat – sitwazzjoni li addirittura, u fl-agħar ipoteżi, taf tesponi lir-rikorrenti nfushom, bħala ex-azzjonisti tas-soċjetajiet surriferiti, għad-danni.*

7. *Illi huwa propju fl-isfond ta' dak kollu permess illi l-esponenti qegħdin presenzjalment jitolbu li jiġi spplikat ir-rimedju alternattiv biex jindirizzaw din l-anomalija.*

8. *Illi għalhekk mis-suespost jirriżulta illi:*
   i. *L-esponenti għandom l-interess li trid il-liġi skond is-subinċiż (1) tal-Artikolu 300B;*
   ii. *Illi l-istralċ u t-tħassor tal-kumpanija huwa vizzjat b'illegalita;*
   iii. *Illi tali llegalita hija ta' natura materjali;*
   iv. *Illi l-esponenti m'għandomx rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex isolvu il-problema in mertu;*
   v. *Illi r-rikors odjern ġie intavolat qabel ma għaddha ż-żmien ta' ħames (5) snin minn dakinhar li l-kumpaniji rispettivi ġew stralċjati.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 47).

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta` Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-13 ta' Mejju f'12:00pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-23 ta' Frar 2021 (ara tergo ta` fol 48).

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2021, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 50), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenut Reġistratur mhux edott mill-fatti kollha huwa jirimetti ruħhu għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B huwa illi r-rikkorenti jkunu persuni nteressati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Huwa għalhekk illi l-esponent iħoss illu huwa fatt stramb kif it-talba sabiex jerġa' jinfetaħ l-istralċ taż-żewġ kumpaniji qegħdin jitqiegħdu fl-istess keffa. Dan għaliex jidher ċar, illi l-provi tal-elementi sine qua non illi jikkostitwixxu dan l-Artikolu huwa wieħed suġġettiv u għaldaqstant, għandu jitqies on a case by case basis. Ta' min wieħed jgħid illi hija l-Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti skont dan l-artikolu jezistux u jekk iva – jezistux b'tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eccezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu.*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpaniji in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Billi l-isem tal-kumpanija Papa M Limited (C 37064) u dak ta' C & G Muscat Limited (C 9369) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru f'Marzu 2016 u billi r-rikors promotur ġie preżentat f'Jannar ta dina s-sena, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat.*

*Illi skont is-subratikolu 3 tal-Artikolu 300B dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun soddisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu*

*300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' minn wieħed jgħid illi l-procedura illi wasslet għax-xoljimen, stralċ u tħassir tal-ismijiet tal-kumpaniji in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-azzjonisti u l-uffiċjali tas-soċjetajiet infushom. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-ismijiet tal-kumpaniji de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibli għall-viżjoni ta' terzi persuni. Illi għalhekk huwa mportanti ħafna illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti għandha tispeċifika jekk l-ordni tagħha taħt dan l-Artikolu, jekk huwa l-każ, jolqotx biss ir-rikorrenti illi qegħdin jippromwovu tali rimedju straordinarju.*

*Illi kif dejjem ġie sottolinejat mill-Qrati tagħna, iż-żewg elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża, bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f'każijiet partikolari ngħataw f'interventi interpetattivi tal-Qrati tagħna. Dawn, kif inqtal qabel, dejjem hadu in konsiderazzjoni il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom.*

*Illi ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tagħti l-ordni sabiex il-proċess ta' stralċ jerġa jinfetaħ sabiex ikun jista' jidħol l-assi illi tħalla barra min-naha tal-istralċjarju. Ta' minn wieħed jinnota illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti tefgħu t-tort ta' tali nuqqas kompletament fuq spallejn tal-istralċjarju minħabba traskuraġni, imprudenza jew nuqqas ta' attenzjoni, illi skont huma, indubbjament jikkwalifika bħala aġir illegali min-naħa tal-istess stralċjarju. Dan meta fl-istess nifs qegħdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma l-istess awditur sabiex jerġa` jassumi l-istess funzjonijiet, setgħat u obbligi kollha bħala stralċjarju tal-kumpanija Papa M Limited (C 37064) u C & G Muscat Limited (C 9369).*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed jgħid illi x'inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b'mod lampanti min-naħa tar-rikkorenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju għandu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma jgħaddi għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament konklużjoni. Dan mingħajr il-ħsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, specifikament l-Artikolu 300 tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi l-affarijiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B, għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu*

*jingħata żmieb improrogabbli sabiex l-affarijiet tal-kumpaniji in kwistjoni jiġu definittivament konklużi.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Risposta (fol. 55 sa fol. 75)

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2021, deher l-Avukat Matthew Cutajar għar-rikorrenti u dehret Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji u r-rikorrenti nghataw il-fakolta' illi jressqu l-provi taghhon permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru xehed Maurice Formosa, prodott mir-rikorrenti u d-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw illi salv għall-provi dokumentali u jekk ikun il-każ affidavit, m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-nota ta' Catherine Muscat et., intavolata fit-3 ta' Frar 2022 (fol 88) li permezz tagħha ġie ppreżentat affidavit, b'dokumenti annessi, tan-Nutar Robert J. Muscat (fol 89 sa fol 103).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2022 id-difensur tal-intimat Registratur ddikjarat illi l-patroċinat tagħha m'għandhux provi x'jipproduċi u kien qieghed jirrimetti ruħu għall-provi li hemm u l-Qorti rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi r-rikorrenti Catherine Muscat, Clare Bugeja, Mark Formosa u Josephine Salomone née Formosa huma lkoll azzjonisti fil-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata bl-isem ta' **Papa M Limited (C-37064)** liema kumpanija ġiet reġistrata fis-6 t'Ottubru 2005 u sussegwentament xolta u *struck off* nhar il-15 ta' Marzu 2016 u dana permezz proċess ta' *voluntary liquidation.*

Illi jirriżulta wkoll li r-rikorrenti Carmelo Muscat, Grace Muscat u George Muscat huma azzjonisti fil-kumpanija kummerċjali b'responsabilita limitata bl-isem **C & G Muscat Limited (C-9369)** liema kumpanija ġiet reġistrata fit-28 ta' Jannar 1988 u sussegwentament ġiet xolta u *struck off* nhar id-29 ta' Marzu 2016 u dana permezz ta' proċess ta' *voluntary liquidation.*

Illi jirrizulta illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi taż-żewġ soċjetajiet, l-istralċjarju naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt illi kreditu fl-ammont kumplessiv ta' sebat' elef, tmien mija u wieħed u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€7,871.50) kien tħallas iżda ma kienx ġie kkanċellat privileġġ speċjali korrispondenti li kien ġie reġistrat favur l-imsemmija kumpanniji fuq garaxx mibjugħ lill-ċertu Eve Farrugia in segwitu ghal kuntratt ta' komprovendita magħmul in atti tan-Nutar Dottor Robert J. Muscat, fl-14 ta' Lulju 2009.

Illi jirriżulta għalhekk li *prima facie* l-istralċjarju naqas milli jieħu kont ta' ċirkostanzi kruċjali fil-kors tal-likwidazzjoni tal-kumpannija minħabba traskuraġini jewjew nuqqas t'attenzjoni u dan indubbjament jikkwalifika bħala aġir illegali.

Illi jirrizulta illi in segwitu għal dak li ġara u l-ommissjoni da parti tal-persuna inkarigata mill-istralc ta' Papa M. Limited u C & G Muscat Limited, ir-rikorrenti għandhom interess illi l-kumpanniji kummerċjali b'responsabilita limitata Papa M. Limited u C & G Muscat Limited jerġgħu jiġu restitiwiti fuq ir-Reġistru sabiex jiġi kkanċellat il-privileġġ speċjali.

Illi jirrizulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

Illi r-Registratur intimat jirrimarka li huwa ferm stramb li t-talba sabiex jerġa` jinfetaħ l-istralċ taż-żewġ kumpannija qeghdin jintqiegħdu fl-istess keffa u dana minħabba l-fatt li jidher ċar illi l-provi tal-elementi *sine qua non* illi jikkostitwixxu dan l-Artikolu huwa wieħed soġġettiv u għaldaqstant għandu jitqies *on a case by case basis*.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fix-xhieda tiegħu, **Maurice Formosa,** li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-soċjeta` Papa M Limited u kien jirrappreżenta lis-soċjeta C & G Muscat Limited *f'joint venture* li kellhom, iż-żewġ kumpanniji flimkien, li kienet tikkonsisti fl-akkwist ta' sit f'Castro Street, Naxxar u l-iżvilupp ta' blokka fuq l-istess sit. Jgħid li wara li nbniet il-blokka u nbiegħu l-fondi kollha, ħatru lill-*accountant* Robert Salamone biex jidher bħala likwidatur.

Jgħid li kien hemm ommissjoni min-naħa tiegħu li meta d-dejn li kien baqa` fuq garaxx partikolari ġie paċċut ma' xi xogħolijiet ma ħu l-kompratriċi tal-istess garaxx, ma nfurmax lill-likwidatur li kien hemm ipoteka li kellha tiġi kkanċellata u messha tneħħiet qabel saret il-likwidazzjoni.

Jgħid illi meta aktar tard ġew biex jagħmlu xi xogħol ieħor ma ħu l-kompratriċi irrealizzaw li hemm l-ipoteka u l-kumpannija kienet magħluqa u ġew informati min-nutar li l-kumpanija trid tiġi ri-attivata.

Fl-affidavit tiegħu n-**Nutar Dottor Robert J. Muscat** jikkonferma li permezz ta' kuntratt fl-atti tiegħu datat 14 ta' Lulju 2009, li kien jikkonsisti f'bejgħ ta' propjeta bejn is-soċjetajiet Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369) qua vendituri u Eve Farrugia qua akkwirenti, kien ġie rreġistrat Privileġġ Speċjali relattiv li għadu attiv sa llum u rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku bir-referenza H12328/2009.

Jgħid illi fl-opinjoni professjonali tiegħu tali privileġġ speċjali ma jistax jiġi kkanċellat ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-kredituri u dan tramite l-firma tal-likwidatur maħtur in rappreżentanza tal-istess fuq in-nota ta' kanċellament, hekk kif – sa fejn jaf ix-xhud – iż-żewġ kumpanija huma stralċjati.

## Ikkunsidrat Ultejrorment:

## Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
> *(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi kif l-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji fir-risposta tiegħu, wera' t-thassib tieghu dwar il-fatt illi t-talba sabiex jerġa` jinfetaħ l-istralċ taż-żewġ kumpannija, anke jekk distinti, qeghdiin jitqiegħdu f'keffa waħda stante illi talbiet simili jridu jitqiesu *on a case by case basis*. B'mod ġeneriku l-Qorti ma tistax ħlief taqbel ma' din l-osservazzjoni tal-intimat Reġistratur u tinsisti li din ċertament li ma tistax tkun il-prassi li biha wieħed jagħmel talba simili quddiem din il-Qorti.

Madankollu, meta l-Qorti tqis il-karatteristiċi partikolari tal-każ de quo jirriżulta illi iż-żewġ kumpanniji wettqu proġett flimkien li kien jikkonsisti fil-bini ta' propjeta` u s-segwitu bejgħ tagħha, liema propjeta` kienet tikkonsisti f'*tenement* bin-numri uffiċjali 27 u 29 fi Triq Castro fin-Naxxar u la darba dan il-proġett kien konkluż, iż-żewġ soċjetajiet ġew xjolti bl-istess proċedura, mill-istess stralċjarju u fl-istess żmien. Jirriżulta wkoll li l-unika raġuni għaliex iż-żewġ soċjetajiet jeħtieġilhom li jerġa` jinfetaħ l-istralċ taghhom hija proprja l-istess raġuni u ċioe il-kanċellament tal-Privileġġ Speċjali reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bir-referenza H 12328/2009.

Għalhekk tenut kont li l-Artiklu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jispeċifika bl-ebda mod li kull kumpannija jeħtieġ tagħmel rikors individwali u tenut kont li l-mertu u l-fatti li wasslu għat-talba magħmulha miż-żewġ soċjetajiet mhumiex biss identiċi iżda hija waħda u l-istess, mela allura din il-Qorti ser tqis dan ir-rikors u l-mertu tiegħu bħala wieħed li jkollu effett fuq iż-żewġ kumpanniji, anke jekk jibqghu kumpanniji separati u distinti.

Dwar il-mertu, il-Qorti tibda biex tgħid illi mil-lprovi mressqa jirrizulta illi l-kanċellament tal-Privileġġ Speċjali irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku bir-referenza H12328/2009 imsemmi fir-rikors promotur ma sarx qabel seħħ l-istralċ tal-kumpanniji Papa M Limited u/jew C & G Muscat Limited.

Fix-xhieda tiegħu Maurice Formosa jgħid b'mod ċar u inekwivoku li kienet ommissjoni minn naħa tiegħu li ma nfurmax lill-istralċjarju bl-imsemmi Privileġġ Speċjali. Il-Qorti thoss ghalhekk pacifiku jinghad illi r-respondabbilta' tan-nuqqas qed jassumuh ir-rikorrenti u mhux qed jattribwuh lill-accountant, u dan jirrispondi ghal dak sottomess mir-Registratur intimat illi ighid illi huwa stramb kif qed jintalab illi jigi nominat l-istess accountant li bih sar l-izball.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li ma sarx l-imsemmi kanċallament tal-imsemmi Privileġġ Speċjali qabel ma ġie konkluż l-istralċ msemmi jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi żvista.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpanniji ġew ikkanċellati minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jiġi kkanċellat il-Privileġġ Speċjali msemmi fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrenti li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis illi n-nuqqas ta' kanċellament tal-Privileġġ Speċjali msemmi fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ taz-zewg kumpanniji msemmija kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda:

1. **TILQA` l-ewwel talba** u tordna li l-ismijiet **Papa M Limited (C-37064)** u **C & G Muscat Limited (C-9369)** jerġgħu jidħlu fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. **TILQA' t-tieni talba** u tordna illi jerga' jinfetah l-istralc tal-istess kumpanniji **Papa M Limited (C-37064)** u **C & G Muscat Limited (C-9369)** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi kkanċellat il-privileġġ speċjali reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bir-referenza H12328/2009.

3. **TILQA' t-tielet talba** u taħtar lill-Awditur Robert E. Salomone sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpanniji **Papa M**

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

**Limited (C-37064)** u **C & G Muscat Limited (C-9369)** u konsegwentament tordna lir-rikorrenti jgharrfu lill-istess Awditur Robert E. Salomone b'din is-sentenza.

4. **TILQA' r-raba` u l-ħames talba** u tordna lill-istess stralċjarju Robert E. Salomone sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jiġi kkanċellat il-privileġġ speċjali rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku bir-referenza H 12328/2009, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpanniji **Papa M Limited (C-37064)** u **C & G Muscat Limited (C-9369)** għandu jkun komplut sa zmien massimu ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Registratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpanniji msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

b) F'eventwalita' illi l-privilegg specjali bin-numru ta' referenza H 12328/2009 jigi kkancellat qabel t-trapass tas-sena msemmija, allura ir-rikorrenti ghandhom javzaw b'dan lir-Registratur intimat sabiex huwa jkun jista' jghaddi ghat-tnehhija tal-ismijiet taz-zewg kumpanniji minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji minnufieh.

c) Illi l-qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpanniji de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju taghhom sabiex isir xi haga ohra, għajr ghal dak hawn deċiz u huwa ghalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrati fuq ir-Registru, il-kumpanniji Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369) jistghu biss, entro l-perjodu massimu hawnekk koncess, jghaddu biex jikkancellaw il-privilegg msemmi u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanniji kummerċjali b'responsabilita limitata Papa M Limited (C-37064) u C & G Muscat Limited (C-9369) fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerga' jikkancella isem il-kumpanniji wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**